16 ta' Novembru 2017
96/2017

# IMSEJĦA NAĦDMU GĦALL-ĠUSTIZZJA U L-PAĊI

## DOKUMENT MILL-KUMMISSJONI ĠUSTIZZJA U PAĊI XAHAR MILL-QTIL TA' DAPHNE CARUANA GALIZIA

Bħal-lum xahar ilu, il-ġurnalista Daphne Caruana Galizia nqatlet f'attakk ippremeditat fuq is-soċjetà tagħna.

Ir-reazzjonijiet għall-assassinju ta' Daphne Caruana Galizia, li varjaw minn talbiet imqanqla għall-ġustizzja għall-indifferenza totali, kultant anki bla qalb, tefgħu dawl fuq il-polarizzazzjoni li teżisti fil-komunità tagħna, li hija maqsuma skont il-lealtà politika partiġġjana.

Fi kliem l-Arċisqof Charles J. Scicluna: "Qed naraw deterjorament fid-djalogu politiku jew aħjar, nuqqas ta' djalogu, li qed tinkwieta osservaturi esterni u dawk li huma impenjati fl-avvanz tad-djologu u l-ġid komuni."[1]

Wara xahar għadu qed jinħass nuqqas ta' paċi fis-soċjetà tagħna, kemm magħha nnifisha kif ukoll ġewwa fiha, waqt li qed nitqabdu biex nifhmu l-gravità ta' dak li seħħ u l-implikazzjonijiet għalina, kemm bħala individwi, kif ukoll bħala komunità.

Dan id-dokument huwa stedina biex nirriflettu dwar l-istat tas-soċjetà tagħna f'dan il-mument sinjifikanti fl-istorja tagħha u biex nifhmu aħjar kif nistgħu naħdmu flimkien għall-paċi.

### Il-Paċi: don u impenn

Waqt li indubbjament huwa meħtieġ li nitolbu lil Alla għad-don tal-paċi tiegħu, huwa ċar li dan mhuwiex biżżejjed. Li taħdem għall-paċi huwa impenn, u jekk irridu ngħixu fil-paċi, kull wieħed u waħda minna jrid jimpenja ruħu biex jaħdem għaliha. Kif qal il-Papa Benedittu XVI fl-okkażjoni tal-Jum Dinji tal-Paċi 2007: "Il-paċi hija kemm don kif ukoll impenn ... il-paċi bejn individwi u ġnus

[1] Charles J. Scicluna, *Intervista*, https://agensir.it/europa/2017/10/26/rethinking-europe-mons-scicluna-bridges-not-walls-reception-is-in-the-dna-of-our-continent/, l-aħħar aċċess 15 Novembru 2017.

**Kurja tal-Arċisqof**
Pjazza San Kalċedonju
Floriana, Malta

**Indirizz Postali**
Arċidjoċesi ta' Malta, P.O. Box 1,
Floriana, FRN 1520, Malta

**Tel.** +356 2124 1281
**Email.** media@maltadiocese.org
**www.thechurchinmalta.org**

– il-ħila li ngħixu flimkien u li nibnu relazzjonijiet ta' ġustizzja u solidarjetà – issejjaħ għall-impenn sħiħ min-naħa tagħna."[2]

Il-tagħlim soċjali tal-Knisja jfakkarna li l-paċi hija msejsa fuq il-verità, il-ġustizzja, il-libertà u l-imħabba. Dawn l-erba' valuri huma l-pedament u jiddependu minn xulxin, kull wieħed minnhom huwa essenzjali; komunità ma tistax tkun verament fil-paċi jekk imqar waħda minnhom tkun nieqsa jew imwarrba.

## Il-Verità: il-pedament tal-paċi

Jekk irridu ngħixu fil-paċi, irridu nħaddnu l-verità f'ħajjitna u nimpenjaw ruħna li nfittxu l-verità dwarna u dwar is-soċjetà li ngħixu fiha. "Din illum mhijiex ħaġa ta' ftit siwi, f'kuntest soċjali u kulturali li jirrendi l-verità relattiva, u li sikwit juri nuqqas ta' interess fiha filwaqt li jibqa' lura minnha."[3] It-tfixxija għall-verità timbuttana biex inħarsu lil hinn minn dak li jidher mad-daqqa t'għajn, imma ġġegħelna nfittxu informazzjoni minn sorsi oħra apparti dawk tal-partit politiku li nżommu miegħu jew mill-posts u opinjonijiet ixxerjati minn 'ħbieb' tal-istess fehma li għandna fuq il-midja soċjali.

Irid ikollna r-rieda biex niddjalogaw fl-ispirtu tar-rispett reċiproku li jitlob minna li nkunu lesti li nisimgħu lil xulxin u li nikkonfrontaw kunċetti u ideat dwarna nfusna, dwar xulxin u dwar is-soċjetà tagħna. Irridu nammettu wkoll s-sehem tagħna fil-ħolqien u l-manteniment tad-diviżjoni u l-polarizzazzjoni fis-soċjetà tagħna.

Hekk biss nistgħu nimxu lil hinn mill-verità 'tiegħi', li f'Malta hija ta' spiss ikkulurita mil-lealtà politika, għal għarfien sħiħ u kollettiv li jgħinna nifhmu min aħna. Nistgħu naslu għal dan meta napprezzaw l-aspetti pożittivi tas-soċjetà tagħna, kif ukoll nifhmu liema huma l-aspetti koroh ta' min aħna bħala individwi u bħala komunità – li nifhmu d-dnub li rridu nqaċċtu jekk irridu nimxu fit-triq tal-fejqan, tas-sħuħija u tal-paċi.

## Il-Ġustizzja: il-kumpass tagħna fit-triq lejn il-paċi

Fil-jiem wara l-qtil, kienu ħafna li ħeġġew lill-Gvern biex iqis li ssir ġustizzja. Waqt li hu essenzjali li jiġi assigurat li min wettaq dan id-delitt faħxi jieħu dak li ħaqqu, jeħtieġ li nagħmlu iktar minn hekk biex niżguraw li ngħixu f'soċjetà ġusta.

Soċjetà ġusta ma tintilifx f'terminoloġiji legalistiċi fejn l-unika intenzjoni tkun li timxi mal-ittra tal-liġi waqt li tkisser l-ispirtu tagħha. Soċjetà ġusta hija dik fejn is-saltna tad-dritt hija ggarantita, fejn

---

[2] Papa Benedittu XVI, *Messaġġ fl-okkażjoni tal- XL Jum Dinji tal-Paċi*, 1 ta' Jannar 2007, pġ. 2.
[3] Idem, *Caritas in veritate*, 2.

**Kurja tal-Arċisqof**
Pjazza San Kalċedonju
Floriana, Malta

**Indirizz Postali**
Arċidjoċesi ta' Malta, P.O. Box 1,
Floriana, FRN 1520, Malta

**Tel.** +356 2124 1281
**Email.** media@maltadiocese.org
**www.thechurchinmalta.org**

id-drittijiet u l-obligazzjonijiet huma rispettati mhux biss mill-Istat imma minn kull individwu, u fejn **kulħadd** huwa ndaqs quddiem il-liġi.

Għalkemm it-tentazzjoni hi li naħsbu li l-ġustizzja hija xogħol il-Gvern, huwa importanti li niftakru wkoll li huwa dover personali li nħaddnu l-ġustizzja. Il-profeta Mikea jfakkarna x'qed jistenna Alla minnha: "Li tagħmel dak li hu ġust, li tħobb u li tkun ħanin u li tkun umli fl-imġiba tiegħek ma' Alla tiegħek."[4]

Dan jitlob minna li ngħarfu d-dmirijiet ċiviċi tagħna lejn ħaddieħor u lejn il-komunità. Dan jitlob li aħna nieqfu l-kultura ta' korruzjoni, ta' pjaċiri u klijentaliżmu, u nepotiżmu meta aħna stess ikollna x'naqsmu mal-awtoritajiet, billi ma nistennewx favuri jew noffru pjaċiri. Jitlob li aħna nittrattaw lil xulxin b'rispett, ma npoġġux il-gwadann personali qabel il-ġid komuni u nkunu lesti li nagħtu sehemna fil-komunità li nagħmlu parti minnha. Jitlob minna li nerfgħu r-responsabbiltajiet tagħna mingħajr biża' jew favur.

Madanakollu huwa ċar li l-Istat għandu responsabbiltà ċara u sehem kruċjali biex jiżgura li ssir ġustizzja u li d-drittijiet ta' kulħadd, irrispettivament mill-karatteristiċi personali, huma mħarsa. Huwa l-Istat li għandu d-dmir li jiżgura li ħadd ma jkollu bżonn jiddependi fuq sistema mibnija fuq klijentaliżmu u kuntatti personali biex igawdu minn dak li hu tagħhom bi dritt.

Fl-aħħar mill-aħħar, il-*litmus test* tal-impenn tagħna lejn il-ġustizzja huwa kif ikunu ttrattati l-emarġinati u l-vulnerabbli, dawk li m'għandhomx la vot u lanqas vuċi. L-uniku mod li jiggarantixxi ġustizzja għal kulħadd, speċjalment lill-iktar vulnerabbli, huwa li jkollna istituzzjonijiet b'saħħithom u indipendenti, b'riżorsi adegwati u li jitħallew jiffunzjonaw b'rispett totali lejn is-saltna tad-dritt.

### L-Imħabba: l-ispirtu li janima dak kollu li nagħmlu

Is-sejħa biex inħobbu hija ċentrali għall-fidi Kattolika. Fl-Evanġelu ta' San Ġwann, naqraw il-kliem ta' Ġesù: "Nagħtikom kmandament ġdid, li tħobbu lil xulxin."[5] L-istandard li jpoġġi quddiemna Ġesù huwa għoli – aħna msejħa li nħobbu lil xulxin kif ħabbna hu, anki l-għedewwa tagħna u dawk li jippersegwitawna.[6]

Din l-imħabba mhijiex xi sentiment vag ta' empatija – imma timplika impenn konkret ta' solidarjetà. Dan ifisser illi jeħtieġ li ngħixu u naħdmu mhux biss għalina nfusna, imma li nwieġbu għall-bżonnijiet ta' ħaddieħor daqslikieku kienu tagħna,[7] u li "naħdmu b'mod effikaċi" għal ġid ta' ħaddieħor.

---

[4] Mikea 6:8.
[5] Ġw 13:34.
[6] Mt 5:44.
[7] Papa Ġwanni XXIII, *Pacem in terris*, 35.

**Kurja tal-Arċisqof**
Pjazza San Kalċedonju
Floriana, Malta

**Indirizz Postali**
Arċidjoċesi ta' Malta, P.O. Box 1,
Floriana, FRN 1520, Malta

**Tel.** +356 2124 1281
**Email.** media@maltadiocese.org
**www.thechurchinmalta.org**

Hija mħabba li titlob minna li mhux biss intaffu t-tbatija individwali, imma li naħdmu fuq il-livell soċjali, politiku, u ekonomiku biex immexxu 'l quddiem il-ġid komuni. Benedittu XVI ifakkarna illi:

> "Li tixtieq il-ġid komuni u taħdem għalih huwa rekwiżit tal-ġustizzja u tal-karità ... iktar ma naħdmu għall-ġid komuni li jikkorrispondi għall-bżonnijiet reali tal-proxxmu, iktar qed inkunu effettivi fl-imħabba tagħna ... din hija t-triq istituzzjonali – tista' tissejjaħ wkoll triq politika – tal-karità, xejn inqas eċċellenti u effettiva minn dik it-tip ta' karità li tiltaqa' mal-proxxmu b'mod dirett."[8]

**Il-Libertà: il-qawwa li taħseb, taġixxi, u titkellem mingħajr biża', b'responsabbiltà totali**

Il-libertà, kif inhi mifhuma fit-tradizzjoni Kattolika, mhijiex sempliċiment il-ħila li tagħmel u tgħid dak li trid meta trid, jew li tgħix ħieles mill-biża' jew mill-bżonn – għalkemm dawn huma indubjament elementi essenzjali tad-dinjità umana. Hija ukoll libertà 'għal' – għall-iskop li tfittex dak li hu sewwa u ħanin, għall-iskop li taħdem għall-ġustizzja u għall-ġid komuni, għall-iskop aħħari li tfittex lil Alla. Dan jinkludi l-libertà li tieħu sehem b'mod attiv fid-dinja sekulari, biex tibni "il-Belt universali t'Alla".

Bħal kull valur ieħor, dan jeħtieġ kemm impenn individwali biex teżerċita l-libertà b'mod responsabbli – b'rispett totali lejn id-drittijiet, libertajiet u d-dinjità tal-oħrajn – kif ukoll impenn tal-Istat, li dejjem għandu r-responsabbiltà aħħarija biex jiżgura li s-soċjetà tagħna hija verament ħielsa. L-Istat jagħmel dan billi jħares id-dritt ta' kulħadd, anki ta' dawk li ma jaqbilx magħhom, biex jitkellmu, jikkritikaw u li jkunu attivi soċjalment u politikament. Mhux biss, imma għandu wkoll joħloq istituzzjonijiet b'saħħithom u indipendenti, mgħammra biex jiggarantixxu d-difiża tal-libertajiet individwali.

**Imsejħa biex nbiddlu d-dinja**

Meta naħsbu fuq dak kollu li seħħ f'dan l-aħħar xahar, huwa ċar illi għad fadlilna ħafna x'nagħmlu jekk irridu ngħixu fil-paċi magħna nfusna u ma' xulxin. Dan id-dokument huwa maħsub biex jixpruna u jservi ta' għodda għar-riflessjoni personali u tal-komunità fuq dak li aħna msejħa biex nagħmlu f'dan iż-żmien, kemm bħala individwi kif ukoll bħala komunità.

Aħna nemmnu li hemm bżonn kbir li nirrikonoxxu r-responsabbiltà personali ta' kull wieħed għall-qagħda tas-soċjetà tagħna llum u nindmu. Flimkien mal-Papa Franġisku jeħtieġ li nitolbu 'l Alla biex "jiżdied l-għadd ta' politiċi li għandhom il-ħila jidħlu fi djalogu sinċier u effettiv li jfittex li jfejjaq l-għeruq profondi u mhux biss id-dehra tal-ħażen fid-dinja tagħna!"[9]

---

[8] Papa Benedittu XVI, *Caritas in veritate*, 7.
[9] Papa Franġisku, *Evangelii gaudium*, 205.

**Kurja tal-Arċisqof**
Pjazza San Kalċedonju
Floriana, Malta

**Indirizz Postali**
Arċidjoċesi ta' Malta, P.O. Box 1,
Floriana, FRN 1520, Malta

**Tel.** +356 2124 1281
**Email.** media@maltadiocese.org
**www.thechurchinmalta.org**

Iżda huwa wkoll essenzjali li nieħdu sehem f'azzjoni konkreta li twassal għall-bidla. Il-fidi tagħna hija, fiha nnifisha, sejħa għall-azzjoni, sejħa biex inwasslu s-saltna t'Alla fil-qalb tal-poplu kif ukoll fid-dinja. Il-Papa Franġisku qal li x-xewqa li nġibu din il-bidla turi l-awtentiċità tal-fidi tagħna. Fi kliemu, "fidi awtentika dejjem tinvolvi xewqa profonda biex inbiddlu d-dinja ..."[10]

Ċertament nistgħu "inbiddlu d-dinja" billi ngħinu individwi u nipprovdu servizzi u appoġġ. Din dejjem kienet, u tibqa', parti ċentrali u importanti tal-missjoni tal-Knisja f'Malta – xhieda tanġibbli tal-impenn tagħna għall-ġustizzja soċjali u kura għall-fqar, għall-vulnerabbli u l-emarġinati.

Iżda, bħala Kattoliċi, aħna msejħa biex immorru lil hinn minn hekk. Aħna msejħa biex inġibu l-bidla billi naħdmu għall-ġid komuni permezz ta' "ġabra ta' istituzzjonijiet li jagħtu struttura lill-ħajja tas-soċjetà, ġuridikament, ċivilment, politikament u kulturalment".[11] Għal kuntrarju ta' dak li rridu nemmnu, dan mhuwiex xogħol fdat lil ftit, imma dover universali: "**Kull Nisrani** huwa msejjaħ biex jgħix din il-karità, kulħadd skont il-vokazzjoni tiegħu u skont il-grad ta' influwenza li għandu fil-*pólis*."[12]

Dan ifisser li jeżisti bżonn tanġibbli li nirriflettu fuq r-realtà soċjali, politika u ekonomika ta' pajjiżna fid-dawl tal-Evanġelju, kif ukoll li nieħdu sehem b'mod attiv fid-diskussjoni, id-djalogu u l-azzjoni dwar dawn il-materji. F'soċjetà demokratika, il-politika għandha rwol ċentrali biex isseddaq il-paċi u tiżgura l-ġustizzja, allura ma nistgħux nimmaġinaw li nistgħu naħdmu għall-ġid komuni mingħajr ma nieħdu sehem b'mod tanġibbli f'dan il-qasam.

Fi kliem David Stevens tal-Corrymeela Community li taħdem għall-paċi fl-Irlanda ta' Fuq:

> "Ix-xogħol ewlieni tal-politika huwa li tippromwovi l-ġustizzja u l-paċi u li tħares il-batut. Għaldaqstant ma nistgħux nibqgħu bierda lejn il-politika u jeħtieġ nagħmlu ġudizzji morali dwar il-politika ... Ċertament, ma nistgħux nirriduċu l-konkorsi politiċi għall-ġlieda bejn il-forzi tat-tajjeb u tal-ħażin. Madanakollu xorta għandhom isiru ġudizzji relattivi u prudenti. U rridu nagħmlu ġudizzji morali waqt li nkunu dejjem konxji dwar il-persistenza tad-dnub."[13]

Bla dubju, f'soċjetà tant ippolorizzata politikament bħal tagħna, dejjem hemm ir-riskju – biex ma ngħidux iċ-ċertezza – li dak kollu li ngħidu, minkejja l-bilanċ, ser ikun meqjus b'lenti partiġġjana jew immanipulat biex iservi interessi partiġġjani; li dawn il-messaġġiera jisfaw iddemonizzati u l-messaġġ tagħhom ikun imdgħajjef jew miġjub fix-xejn, minħabba l-lealtajiet politiċi tagħhom, reali jew immaġinarji. Imma dan ma jistax ikun, u m'għandux ikun skuża biex inċedu l-obbligu tagħna li ngħidu l-verità lill-politiċi u li naħdmu għall-ġid komuni.

---

[10] Idem, *Omelija*, Memorja Liturġika tal-Isem Imqaddes t'Alla, 3 ta' Jannar 2014.
[11] Papa Benedittu XVI, *Caritas in veritate*, 7.
[12] IBID.
[13] David Stevens, *The place called reconciliation: Texts to explore*, Corrymeela Press, 2008, pġ. 12.

**Kurja tal-Arċisqof**
Pjazza San Kalċedonju
Floriana, Malta

**Indirizz Postali**
Arċidjoċesi ta' Malta, P.O. Box 1,
Floriana, FRN 1520, Malta

**Tel.** +356 2124 1281
**Email.** media@maltadiocese.org
**www.thechurchinmalta.org**

Kif ifakkarna l-Papa Franġisku, “li tkun ċittadin fidil hu virtù u s-sehem fil-ħajja politika hu obbligu morali.”[14]

**Stedina għal azzjoni, fit-tama**

Għaliex aħna ngħixu f’dinja mmarkata “bil-persistenza tad-dnub”, fejn il-forzi tal-ħażen ta’ spiss jidhru li qed jieħdu s-sopravvent f’ħajjitna u fid-dinja, huwa faċli li nitilfu l-kuraġġ, li nħossu li l-isforzi tagħna huma vojta u għalxejn.

Kif iħobb ifakkarna l-Papa Franġisku “In-Nisrani qatt ma’ jista’ jkun pessimist!” Imħeġġa bil-kliem ta’ Ġesù li hu diġà rebaħ id-dnub u rebaħ did-dinja[15] u l-wegħda tiegħu li jekk aħna “immorru” hu jkun magħna,[16] kif ukoll l-għarfien li l-azzjonijiet tagħna huma biss biċċa żgħira mill-pjan tas-salvazzjoni tiegħu mifrux maż-żminijiet, m’għandniex inċedu quddiem id-disperazzjoni jew id-deżolazzjoni imma nitħeġġu biex ngħixu fit-tama.

Kif ifakkarna Václav Havel:

> “It-tama mhijiex profezija, tbassir. Hija pjuttost orjentament tal-ispirtu, l-orjentment tal-qalb. Tmur lil hinn mid-dinja, mill-esperjenza immedjata tagħha, u hija ankrata xi mkien lil hinn mill-orizzont ... It-tama, f’din it-tifsira profonda u qawwija, mhijiex l-istess bħall-ferħ li l-affarijiet mexjin sew, jew ir-rieda li tinvesti f’ħidmiet li qed jidhru miexja lejn suċċess bikri, imma pjuttost hija l-ħila li taħdem għal xi ħaġa għax hija tajba minnha nnifisha, mhux biss għax għandha ċans li tirnexxi. ... It-tama mhijiex l-istess ħaġa bħall-ottimiżmu. Mhijiex iċ-ċertezza li xi ħaġa ser tirnexxi, imma l-konvinzjoni li xi ħaġa tagħmel sens, irrispettivament mir-riżultat.”[17]

Għaldaqstant waqt li nżommu f’moħħna t-twissija ta’ Martin Luther King li “aħna għandna bżonn nindmu f’din il-ġenerazzjoni midinba mhux biss għall-azzjonijiet ħżiena tal-ftit nies ħżiena imma għas-silenzju terribbli tan-nies tajba”, nagħlqu bi stedina għall-azzjoni fil-kliem ta’ Dietrich Bonhoeffer:

> L-istennija u l-apatija mhijiex imġiba Nisranija.[18]
>
> Mhux fin-nixxiegħa tal-ħsibijiet, imma fl-azzjoni biss tinsab il-libertà.
>
> Ieqaf aħsibha u oħroġ fil-maltempata tal-ħajja.[19]

---

[14] *Evangelii gaudium*, 220.
[15] Ġw 16:33.
[16] Mt 28:19-20.
[17] VÁCLAV HAVEL, *Disturbing the peace: a conversation with Karel Hvizdala*, Vintage Books, New York, 1990, pġ. 181.
[18] DIETRICH BONHOEFFER in David Stevens, *The place called reconciliation: Texts to explore*, Corrymeela Press, 2008, pġ. 11.
[19] DIETRICH BONHOEFFER, *Stations on the way to freedom of Ethics*, Simon & Schuster, New York, 1995, pġ. 19.

**Kurja tal-Arċisqof**
Pjazza San Kalċedonju
Floriana, Malta

**Indirizz Postali**
Arċidjoċesi ta’ Malta, P.O. Box 1,
Floriana, FRN 1520, Malta

**Tel.** +356 2124 1281
**Email.** media@maltadiocese.org
**www.thechurchinmalta.org**